

Brussell, 30 ta' Marzu 2021
(OR. en)

7493/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0074(NLE)**

**ACP 16
FIN 231
PTOM 6
DEVGEN 54**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Marzu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 150 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊZE)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 150 final.

Mehmuż: COM(2021) 150 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2021
COM(2021) 150 final

2021/0074 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŽE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, bil-għan li l-Kuratur ikun jista' jiżgura l-implimentazzjoni tal-faċi passiva taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI) sakemm iċ-ĊŻI jkun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou

Sa mill-2000, il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou¹ kien il-qafas għar-relazzjonijiet tal-UE ma' 79 pajjiż tal-AKP. Il-Ftehim ġie konkluż għal perjodu ta' 20 sena, mill-1 ta' Marzu 2000 sad-29 ta' Frar 2020. Sussegwentement kien ġie rivedut fl-2005 u fl-2010.

Fl-4 ta' Diċembru 2020 l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou ġiet estiża għat-tieni darba permezz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar il-miżuri tranżizzjonali sat-30 ta' Novembru 2021, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, jew sal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP, skont liema tiġi l-ewwel².

2.2. IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi huwa stabbilit skont l-Artikolu 16 FSC. Dan jinkludi, minn naħa, ir-rappreżentant permanenti ta' kull Stat Membru tal-UE u rappreżentant tal-Kummissjoni, u min-naħa l-oħra, il-kap tal-missjoni ta' kull Stat tal-AKP għall-UE.

Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jassisti lill-Kunsill tal-Ministri fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u jwettaq kwalunkwe mandat fdat lilu mill-Kunsill (l-Artikolu 16(2) FSC). F'dak ir-rigward, il-Kunsill tal-Ministri jista' jiddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi (l-Artikolu 15(4) FSC). Huwa jissorvelja wkoll l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-progress lejn il-kisba tal-għanijiet li hemm fih.

Skont l-Artikolu 1 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi³, dan għandu jiltaqa' regolarment, b'mod partikolari biex iħejji l-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri, u meta dan ikun meħtieġ, fuq talba ta' waħda mill-partijiet. L-Artikolu 5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi jipprevedi wkoll proċedura bil-miktub.

2.3. L-att previst tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Fid-39 sessjoni tiegħu li saret fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2014 f'Najrobi, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE qabel, f'Dikjarazzjoni Konġunta, li jipproċedi bl-għeluq ordnat taċ-ĊŻI, korp tekniku konġunt tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE stabbilit fl-Anness III tiegħu. F'din id-

¹ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU 2000 L 317, 15.12.2000, p. 3); ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4; ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3)

² Id-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU 2020 L 420, 14.12.2020, p. 32).

³ Id-Deċiżjoni Nru 3/2005 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-8 ta' Marzu 2005 dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-KE (ĠU L 95, 14.04.2005, p. 51).

Dikjarazzjoni Konġunta, il-Kunsill tal-Ministri, skont l-Artikolu 15(4) FSC, iddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa, *“inkluż l-emenda rilevanti għall-Anness III tal-Ftehim ta’ Cotonou”*⁴.

Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fid-Deċiżjoni Nru 4/2014⁵ tiegħu, awtorizza lill-Bord Eżekuttiv taċ-ĊŻI biex jieħu kull miżura xierqa biex iħejji għall-għeluq taċ-ĊŻI. Sussegwentement, il-Bord Eżekuttiv taċ-ĊŻI iffirma kuntratt ma' Kuratur sal-31 ta' Diċembru 2016.

Skont id-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-“Deċiżjoni Nru 3/2016”)⁶, il-fażi tal-għeluq ġiet segwita minn “fażi passiva” li fiha ċ-ĊŻI jeżisti biss għall-finijiet tal-likwidazzjoni tiegħu.

Id-Deċiżjoni Nru 3/2016 introduċiet il-bidliet meħtieġa fl-Anness III tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE u tikkostitwixxi l-qafas legali l-ġdid taċ-ĊŻI mill-1 ta’ Jannar 2017 (l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/2016).

Il-fażi passiva, ġestita minn Kuratur, tinkludi kompiti amministrattivi, fost l-oħrajn, iż-żamma tal-arkivji taċ-ĊŻI, l-għoti ta' tweġibiet għal kull formalità amministrattiva, jew li jiġu ġestiti xi tilwimiet li jkun fadal li ma setgħux jingħalqu waqt il-fażi tal-għeluq. Il-fażi passiva bdiet fil-jum wara l-fażi tal-għeluq, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2017. Skont il-premessi tad-Deċiżjoni Nru 3/2016, kienet l-intenzjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li l-fażi passiva għandha tintemm wara perjodu ta’ 4 snin jew meta ċ-ĊŻI jkun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu, skont liema jseħħ l-ewwel.

Skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/2016, qabel tmiem il-fażi tal-għeluq, jiġifieri fil-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tikkuntratta Kuratur biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-fażi passiva mill-1 ta' Jannar 2017 għal perjodu ta' erba' snin, jew sa meta ċ-ĊŻI jkun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu, skont liema jseħħ l-ewwel. Sussegwentement, il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ta’ servizz mal-Kuratur fil-21 ta’ Diċembru 2016 għal perjodu ta’ implementazzjoni inizjali ta’ erba’ snin.

Fl-aħħar xhur tal-2020, deher li ċ-ĊŻI ma kienx se jkun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u lanqas irrealizza l-assi kollha tiegħu sal-31 ta’ Diċembru 2020.

Għalhekk, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE għandu jadotta emenda għall-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/2016, bil-ħsieb li l-Kuratur ikun jista’ jiżgura l-implimentazzjoni tal-fażi passiva taċ-ĊŻI sakemm iċ-ĊŻI jkun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu. Dan se jiżgura l-għeluq xieraq tal-implimentazzjoni tal-fażi passiva taħt il-ġestjoni tal-Kuratur. Il-membri tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi tal-Organizzazzjoni tal-Istati AKP indikaw il-qbil tagħhom għal tali emenda f’Jannar 2021.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F’ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Unjoni taqbel mal-emenda prevista tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/2016. Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni għandha tittieħed f’sessjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jew permezz ta’ proċedura bil-miktub, kif adatt.

⁴ Dikjarazzjoni Konġunta AKP-UE dwar iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI), 3 ta’ Lulju 2014, AKP-UE 2120/14.

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 4/2014 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-23 ta' Ottubru 2014 rigward il-mandat li għandu jingħata lill-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI) (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 61).

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 192, 16.7.2016 p. 77).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li jridu jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont il-liġi internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”⁷.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE huwa korp stabbilit minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta’ Sħubija ta’ Cotonou.

L-att li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE huwa msejjaħ li jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b’konformità mal-Artikoli 15 u 16 tas-CPA. Skont l-Artikolu 15(3) FSC, il-Kunsill tal-Ministri jista’ jieħu deċiżjonijiet li huma vinkolanti fuq il-Partijiet tal-Ftehim, filwaqt li f’konformità mal-Artikolu 15(4) FSC, il-Kunsill tal-Ministri jista’ jiddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi huwa mwaqqaf skont l-Artikolu 16 tal-FSC. Skont l-Artikolu 16(2) tal-FSC, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jista’ jadotta jew jemenda deċiżjonijiet vinkolanti fuq il-partijiet permezz tal-mandat mogħti lil mill-Kunsill tal-Ministri.

L-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti flimkien mal-Istati Membri għall-Ftehim ta’ Sħubija ta’ Cotonou u għalhekk tkun marbuta bid-deċiżjoni prevista tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru għandha tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawn il-miri jew wieħed minn dawn il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidental, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent prinċipali jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun l-istess bħal dik għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1098 tal-4 ta’ Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE fir-rigward

⁷ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

tar-reviżjoni tal-Anness III għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE⁸, jiġifieri l-Artikolu 209(2) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 209(2) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ser jemenda d-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, huwa xieraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

⁸ ĠU L 182, 7.7.2016, p. 39–43.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŽE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 209(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jgħid li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jista' jiddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE.
- (2) Fid-39 sessjoni tiegħu li saret fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2014 f'Nairobi, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE qabel, f'Dikjarazzjoni Konġunta, li jipproċedi bl-għeluq ordnat taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ iċ-ĊŽE). Għal dan il-għan, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE iddeċieda li jagħti delega ta' setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex imexxi l-kwistjoni 'l quddiem bil-ħsieb li jadotta d-deċiżjonijiet neċessarji.
- (3) Ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġiet adottata bid-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-12 ta' Lulju 2016⁹ li introduċiet il-bidliet meħtieġa fl-Anness III għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, kif ukoll stabbiliet il-qafas legali l-ġdid taċ-ĊŻI mill-1 ta' Jannar 2017, li matulu l-personalità ġuridika tiegħu tinżamm biss għall-finijiet tal-likwidazzjoni tiegħu.
- (4) L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 3/2016 jistipula li Kuratur jenħtieġ li jiżgura l-implimentazzjoni tal-fażi passiva sa mill-1 ta' Jannar 2017 għal perjodu ta' erba' snin, jew sakemm iċ-ĊŻI jkun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu, skont liema jseħħ l-ewwel.
- (5) Iċ-ĊŻI ma għandux ikun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu jew irrealizza l-assi kollha tiegħu qabel il-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk huwa meqjus neċessarju li tiġi emendata d-Deċiżjoni 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġi żgurat l-għeluq xieraq tal-implimentazzjoni tal-fażi passiva taħt il-ġestjoni tal-Kuratur.
- (6) F'waħda mil-laqgħat tiegħu, jew permezz ta' proċedura bil-miktub, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE għandu jadotta l-emenda għad-Deċiżjoni Nru 3/2016.

⁹ Id-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 192, 16.7.2016 p. 77).

- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, peress li l-att previst jorbot lill-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE rigward iċ-ĊŻI hija

- li l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jiġi sostitwit b'dan li ġej: “Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkuntratta Kuratur biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-fażi passiva sakemm iċ-ĊŻI ikun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu”;
- li d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li temenda d-Deċiżjoni 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*